MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 3215/1996/1

**Joseph Abela**
**Vs**
**Giorgina sive Gina u Annie mart John Buhagiar, ahwa Abela**

## CITAZZJONI

Illi b'citazzjoni prezentata fit-12 ta' Novembru 1996 l-attur ippremetta:

Illi John Abela kien izzewweg lil Theodora nee` Mizzi fis-sittax (16) ta' Frar 1936 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied u cioe` Joseph, Gina u Annie mart John Buhagiar, ilkoll ahwa Abela;

Illi billi fis-sitta u ghoxrin ta' Gunju, 1968 mietet intestata Theodora Abela kif jidher mic-certifikat anness u mmarkat

Dok.A u ghalhekk il-proprjeta` taghha ddevolviet skond il-ligi;

U billi fit-tmienja u ghoxrin ta’ Settembru 1968, saret id-denunzja ta’ trasferimenti ta’ gid li jsehhu wara l-mewt u dan kif jidher mid-denunzja hawn annessa u mmarkata Dok. B;

U billi fil-wiehed u tletin ta’ April tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin, (31/04/1993) miet fil-Pieta` John Abela, u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok. C;

U billi hu miet intestat u ghalhekk wirtuh skond il-ligi l-unici tlett uliedu, u cioe`, l-attur Joseph Abela u l-konvenuti Giorgina sive Gina u Annie mart John Buhagiar, ahwa Abela;

U billi fit-tlettax ta’ Frar tas-sena elf disgha mija sitta u disghin il-partijiet dehru quddiem in-nutar Joseph Henry Saydon fejn ghamlu d-dikjarazzjoni rikjesta mill-art.33 ta’ l-Att 17 tas-sena elf disgha mija u tlieta u disghin kopja ta’ liema hi hawn annessa u mmarkata Dok. D;

U billi l-attur talab lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt;

U billi l-konvenuti minkejja li gew diversi drabi interpellati, naqqsu li jaghmlu dan;

Talab ghalhekk l-attur jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m’ghandiex tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddetermina l-konsistenza ta’ u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn John u Theodora konjugi Abela bhala konsistenti f’dawk il-beni li kienu jezistu fih fid-data tal-mewt tal-istess Theodora Abela.

2. Tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti gia likwidata u ezistenti bejn John u Theodora Abela li hija maqsuma f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-wirt ta’ l-istess Theodora Abela, u l-ohra lill-wirt ta’ l-istess John Abela.

3. Tillikwida l-wirt ta' Theodora Abela bhala konsistenti f'dawk il-beni parafernali lilha appartenenti u fis-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

4. Taqsam il-wirt ta' Theodora Abela billi jigi l-istess diviz fi tlett porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-werrieta tieghu skond kif ikun il-kaz.

5. Tillikwida l-wirt ta' Theodora Abela bhala konsistenti f'dawk il-beni parafernali lilha appartenenti u fis-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

6. Taqsam il-wirt ta' John Abela billi jigi l-istess diviz fi tlett porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-werrieta tieghu skond kif ikun il-kaz.

7. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Il-konvenuti huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Abela a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti prezentati mill-attur a fol. 5 et seq tal-process.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom (a fol. 15) eccipew:

1. Illi huma ma jopponux li ssir id-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghhom u tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn John u Theodora mizzewgin Abela li mietu t-tnejn intestati fil-15 ta' April 1993 u fis-26 ta' Gunju 1968 rispettivament salv li ssir il-verifiki tal-konsistenza tal-assi u tal-kwoti rispettivi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 15 u 16 tal-process.

**PROVI**

**L-attur** ipprezenta diversi affidavits. Hu xehed li kien ikun hemm pendenzi bejnu u bejn hutu dwar dak li kien jifforma l-assi ereditarji tal-genituri tieghu. Skond l-attur ohtu l-konvenuta Gina kienet issostni li dak kollu li kien hemm fid-dar tal-genituri taghhom u li fiha kienet qed tirrisjedi hija stess, kien kollu taghha.

Skond l-attur missieru kien sellef xi flus lir-ragel u lit-tfal tal-konvenuta Annie Buhagiar (a fol 24 tal-process). Huwa kkwantifika l-ammont ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm1,600) u elf lira Maltin (Lm1,000).

L-attur sostna wkoll (a fol. 24 tal-process) li ohtu Annie meta zzewget inghatat dota konsiderevoli filwaqt li hu ma nghata ebda dota u ghalhekk dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni meta ssir id-divizjoni.

Dwar oggetti mobbli gewwa d-dar matrimonjali tal-genituri tal-kontendenti l-attur xehed li sa fejn jaf hu l-ghamara kien xtraha missierhu.  Hu xehed ukoll li ghalkemm kellu cavetta tal-post kull meta dahal hemm gew huwa qatt ma approprija ebda oggetti mobbli minn ta' missieru u li l-unika haga li effettivament ha kien radio u kaxxa tad-diski li fiha kien hemm xi ritratti u passaport.  Dawn hadhom meta kien ghadu haj missieru (a fol 35).

L-attur semma li kien hemm xi par imsielet li kienu ta' ommu u li l-konvenuta Georgine Abela bieghathom.

Dwar l-arlogg tad-deheb li kien jappartjeni lill-missier il-kontendenti, l-attur sostna li missieru kien wieghdu lilu.

L-attur ipprezenta wkoll dokument (a fol. 95 tal-process) li fih indika diversi oggetti mobbli li allegatament kienu

jappartjenu lill-missieru u l-ommu. Rigward is-serp tad-deheb li jinsab fil-pussess ta' ohtu Annie Buhagiar, l-attur allega li kien jappartjeni lill-assi ereditarji ta' ommu.

L-attur prezenta wkoll statement (a fol. 99 tal-process) ta' kont bankarju f'isem missier il-kontendenti, liema statement jindika li fl-4 ta' Awissu 2000, u cioe` seba' snin wara l-mewt ta' missieru kien hemm depositat l-ammont ta' seba' mija u disgha u tletin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm739.67).

**Il-konvenuta Georgina Abela** xehdet li l-arlogg tad-deheb li ghalih saret referenza mill-attur, missierha kien wieghdu lit-tifel ta' bint il-konvenuta Annie Buhagiar. Hi xehdet li kienet xtrat minn flusha il-'*grandfather clock'*, is-set tat-*television* u l-kamra tas-sodda taghha. Hi sostniet li hi kienet il-proprjetarja tal-oggetti mobbli gewwa d-dar tal-genituri tal-kontendenti u pprezentat ircevuta a fol 87 tal-process mmarkata bhala Dok GA li fiha hemm indikati diversi oggetti mobbli li gew akkwistati minghand terza persuna. Ex admissis xehdet li: "Rigward is-sett ta' msielet ghandi nghid li dawn jiena kont beghthom lil xi hadd meta jiena kelli l-prokura generali."

Xehdet ukoll **il-konvenuta Marianna mahrufa bhala Annie Buhagiar**. Dwar l-arlogg tad-deheb hija xehdet li dan kien jinsab fil-pussess taghha u li missiera kien wieghdu lit-tifel ta' bintha u tahulu. Rigward l-oggetti mobbli Annie Buhagiar xehdet a fol 69 tal-process li "Jiena naf li ohti kienet tixtri xi affarijiet u ma nafx x'inhuma l-affarijiet li kienu ta' missieri u dawk li huma t' ohti."

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza titratta dwar talba ghall-qsim tal-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti. Il-konvenuti ma ghamlu ebda oppozizzjoni ghal dan salv li tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi ereditarji u tal-kwoti rispettivi u ssir il-qasma kif suppost. Mill-atti prezentati jidher li l-partijiet xtaqu li ssir il-qasma tal-beni ereditarji tal-genituri taghhom izda ma rnexxilhomx peress li ma setghux jaslu ghal divizjoni bonarja bejniethom.

Il-provi prodotti jikkonsistu f'affidavits, dikjarazzjonijiet u kontro-ezamijiet kontradittorji. Il-kontendenti naqqsu milli jressqu provi tangibbli fil-bicca l-kbira tal-allegazzjonijiet taghhom.

**Assi ereditarji**

L-assi ereditarji skond ma jirrizulta mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti jikkonsistu:

(i) fid-dar ta' residenza tal-ġenituri tal-kontendenti li prezentement tirrisjedi fiha l-konvenuta Georgina Abela, senjatament il-mezzanin numru mija u erbghin (140), St Sebastian Street, Qormi, u t-terran li kellu bieb tar-remissa numru 141, liema terran kien jigi sottopost ghal imsemmi mezzanin numru 140. Illum dawn iz-zewg fondi gew inkorporati go fond wiehed li ghandu bieb wiehed numru 140, St Sebastian Street, Qormi;

(ii) oggetti mobbli gewwa l-imsemmija dar;

(iii) arlogg tad-deheb li jinsab fil-pussess tat-tifel tat-tifla tal-konvenuta Annie Buhagiar;

(iv) il-prezz tal-imsielet li kienu jappartjenu lill-omm il-kontendenti u li nbieghu minn Georgina Abela;

(v) introjtu mill-kiri u cnus ta' fondi appartenenti lill-missier il-kontendenti;

(vi) kont bankarju f'isem missier il-kontendenti;

(vii) gizirana forma ta' serp li prezentement tinsab fil-pussess ta' Annie u oggetti tad-deheb indikati mill-attur a fol 95.

Dwar id-dar numerata mitejn u tlettax **(213), Victory Street, Qormi** (ara dikjarazzjoni kawza mortis a fol 10) jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni dwarha u li ghalhekk il-kontendenti huma proprjetarji ta' terz (1/3) indiviz tal-imsemmija proprjeta`.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-**ghamara** gewwa l-fond fuq imsemmi l-Qorti tinnota li l-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti huma kontrastanti. Inoltre kif diga` gie indikat il-konvenuta Annie Buhagiar ma kkoroboratx il-verzjoni tal-konvenuta l-ohra Georgina Abela li l-Qorti tirrileva li tat diversi verzjonijiet kontrastanti. Il-konvenuta Georgina Abela ezibiet ircevuta mmarkata Dok. GA fol 87 dwar xi oggetti mobbli li jinsabu gewwa d-dar. Il-Qorti tinnota li din l-ircevuta ma tindikax min ghamel il-hlas. Il-konvenuta Georgina Abela naqqset milli tressaq xhieda li jindikaw li tali akkwist kienu effettivament sar bi flusha.

Inoltre jigi rrilevat li giet prezentata kopja ta' ittra mmarkata Dok TC (a fol. 86 tal-process) fejn fiha l-avukat ta' fiducja tal-konvenuta Georgina Abela kien indika diversi oggetti mobbli li kienu japparjtenu lill-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti. Ta min jinnota li l-konvenuta Georgina Abela nnegat dak miktub fl-ittra meta xehdet in kontro-ezami a fol. 89 tal-process. F'seduta sussegwenti l-istess konvenuta in kontro-ezami xehdet (a fol. 88 tal-process) li "L-ghamara kollha li hawn f'din id-dar mhix kollha tal-genituri tieghi. L-ghamara tal-genituri tieghi hija dak kollu li ha hija Joseph Abela u baqa' zewg gwardarobbi ohra." Tali xiehda turi l-inkonsistenza fil-verzjonijiet moghtija mill-konvenuta Georgina Abela.

In vista tan-nuqqas ta' provi cari indikanti min huwa l-proprjetarji tal-oggetti mobbli u in vista tan-nuqqas ta' elenku li jindika l-oggetti mobbli, il-Qorti tiddeciedi li l-oggetti mobbli gewwa l-fond fuq imsemmi ilkoll jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dawn jappartjenu lill-kontendenti indivizament.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-**arlogg tad-deheb** il-konvenuti allegaw li dan inghata b'donazzjoni lit-tifel ta' bint il-konvenuta Annie Buhagiar. Il-Qorti tinnota li l-konvenuti qabblu fil-verzjoni taghhom dwar kif dan l-arlogg illum jinsab fil-pussess ta Terence Delia. Dan l-oggett illum m'ghandux ikun suggett tal-kollazzjoni billi skond l-art 918 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta: Id-donazzjonijiet maghmulin lid-dixxendent ta' dak li jkun jinsab fi grad li

jiret fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, jitqiesu dejjem bhala maghmula minghajr obbligu tal-kollazzjoni.

Rigward **l-imsielet tad-deheb** appartenenti lill-omm il-kontendenti, il-konvenuta Georgina Abela ammettiet li hi kienet beghtithom u ghalhekk ghandha trodd lill-kontendenti l-ohra s-sehem taghhom. Il-Qorti tirrileva li ma jistax titqabbad persuna sabiex tivvaluta l-valur galadarba tali imsielet m’ghadomx fil-pussess tal-kontendenti. L-attur xehed li dawn inbieghu Lm40.

Dwar l-introjtu minn **kirjiet u cnus** appartenenti lill-missier il-kontendenti jidher li hemm qbil u li l-qasma qieghda ssir regolarment.

L-ammont fil**-kont bankarju** f’isem missier il-kontendenti ghandu jigi zbankat u jinqasam f’porzjonijiet ugwali bejn il-tlett kontendenti.

Kwantu ghal dak li xehed l-attur li missieru kien sellef xi flus lir-ragel u lit-tfal tal-konvenuta Annie Buhagiar (a fol 24 tal-process), l-attur naqas milli jressaq prova in sostenn ta’ l-allegazzjoni tieghu, li del resto gie negat minn hutu l-konvenuti.

Il-kontendenti semmew diversi oggetti ohra li nghataw lilhom **b’donazzjoni** minn ommhom. Rigward il-gizirana forma ta’ serp li allegatament tinsab fil-pussess tal-konvenuta Annie Buhagiar, l-attur ma ressaq ebda prova cara dwar il-fatt li tali kienet tappartjeni lill-ommu u ghalhekk tali gizirana m’ghandiex tkun suggetta ghall-kollazzjoni.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 913 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta li jghid hekk: “It-tfal u d-dixxendenti biss, li jigu ghall-wirt ta’ axxendent, sew b’testment kemm ab intestato, ghandhom igibu fil-massa tal-wirt, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-ohra, li jirtu flimkien maghhom, dak kollu li jkunu hadu b’donazzjoni minghand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona xort’ohra.”

L-attur sostna li ohtu l-konvenuta Annie Buhagiar kienet inghatat dota u li tali kellha tkun soggetta ghall-kollazzjoni. Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 922 tal-ligijiet ta' Malta: "Hu suggett ghall-kollazzjoni dak illi l-mejjet ikun nefaq biex iddota lid-dixxendenti bniet, jew biex ghamel donazzjonijiet f'kontemplazzjoni taz-zwieg, jew biex ghamel …".

In vista tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-Qorti hi tal-fehma li dak kollu li nghata in linea ta' dota ghandu jkun suggett ghall-kollazzjoni.  Il-kollazzjoni ta' oggetti mobbli ssehh billi jitnaqqas il-valur taghhom mis-sehem tal-werriet li jkunu nghatawlu. L-art. 936 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta jghid: "(1) Il-kollazzjoni ta' hwejjeg mobbli ssir biss billi jinqata' mis-sehem il-valur taghhom.
(2) Dan il-valur jitqies fuq l-istima li jkun hemm ma' l-att tad-donazzjoni, jew, jekk ma jkunx hemm din l-istima, fuq dik li tigi maghmula minn periti, billi jittiehed qies taz-zmien tad-donazzjoni."

Madanakollu l-Qorti tinnota li hi tinsab f'impossibilita` li tinkludi fil-kollazzjoni dak li nghata lill-konvenuta Annie Buhagiar in vista tal-fatt li l-attur ma indikax b'mod car x'inghata lilha.

Rigward l-oggetti tad-deheb indikati mill-attur, f'kaz li jirrizulta li dawn ghadhom ezistenti, (u lanqas dana ma gie pruvat), dawn ghandhom jinqasmu f'porzonijiet ugwali bejn l-ahwa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi:
Il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u
tordna li l-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti - konsistenti fl-oggeti fuq indikati, cioe' l-ghamara fid-dar ta' residenza tal-genituri tal-kontendenti; l-imsielet; l-kont bankarju, ic-cnus u l-kera u l-fondi tal-genituri tal-kontendenti;
jinqasmu fi tlett porzjonijiet ugwali li sussegwentement ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-partijiet, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------